

## Drittijiet aktar b'saħħithom għall-azzjonisti f'kumpaniji Ewropej

Nhar it-Tlieta li għaddha I-Parlament Ewropew approva miżuri ġodda li jinkoraġġixxu lill-azzjendi kbar Ewropej biex jiffokaw fuq il-prestazzjoni tagħhom fit-terminu twil, billi jrawwmu l-impenn tal-azzjonisti tagħhom lejhom. Dawn il-miżuri jagħtu s-setgħa lill-azzjonisti li jiddeċiedu fuq is-salarju tad-diretturi u jagħmluha aktar faċli għall-azzjendi li identifikaw l-azzjonisti tagħhom.

Ir-rapporteur Sergio Gaetano Cofferati (S&D, IT) qal: "Dan il-qbil fuq id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Azzjonisti approvat illum mill-plenarja tal-Parlament Ewropew huwa ferm pożittiv. Il-miżuri li ntlaħaq qbil dwarhom se jgħinu biex jixprunaw investimenti lejn approċċ orjentat lejn terminu itwal u se jiġuraw aktar trasparenza għal kumpaniji kkwoġati u għal investituri."

### L-azzjonisti b'"vuċi li jiddeċiedu fuq is-salarji"

Dawn il-miżuri, li ntlaħaq qbil informali dwarhom min-negożjaturi tal-Parlament u tal-Kunsill f'Diċembru 2016, se jagħtu s-setgħa lill-azzjonisti li jivvutaw dwar il-politika tal-kumpanija dwar is-salarji tad-diretturi tagħha, b'hekk dawn is-salarji se jkunu marbuta aktar mill-qrib mal-prestazzjoni tal-kumpanija u mal-interessi tagħha fuq terminu twil.

Ir-regoli l-ġodda se jippermettu wkoll lill-kumpaniji jidentifikaw lill-azzjonisti tagħhom b'mod aktar faċli u b'hekk jiġi ffaċilitat id-djalogu bejniethom, kif ukoll jagħmluha aktar faċli għall-azzjonisti li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, inkluż id-dritt li jipparteċipaw u jivvutaw f'laqgħat ġenerali.

Barra minn hekk, ċerti tranżazzjonijiet li potenzjalment huma ta' preġudizzju se jkollhom jiġu divulgati lill-pubbliku u approvati permezz ta' proċeduri li jiggħarantixxu l-protezzjoni tal-interessi tal-kumpaniji u tal-azzjonisti tagħhom.

### Rekwiżiti ta' trasparenza ġodda

Ir-regoli jintroduċu rekwiżiti ta' trasparenza ġodda għall-investituri istituzzjoni, bħal pereżempju fondi ta' skemi tal-pensjonijiet u kumpaniji tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja, u amministraturi tal-beni, li ħafna drabi huma azzjonisti importanti f'kumpaniji kkwoġati fl-UE. Investituri istituzzjoni u amministraturi tal-beni se jiġu mitluba jiddivilgaw lill-pubbliku politika li tiddeskrivi kif huma jintegraw il-parteċipazzjoni tal-azzjonisti fl-istrateġiji ta' investiment tagħhom jew jiispjega għalfejn huma ma għażlux li jagħmlu dan.

Barra minn hekk, konsulenti delegati li jagħmlu riċerka u jagħtu pariri lill-klienti tagħhom dwar kif għandhom jivvutaw f'laqqħat ġenerali, se jkollhom jiddivulgaw informazzjoni fundamentali, pereżempju, is-sorsi ewlenin ta' informazzjoni u l-metodoloġiji użati relatati mal-konsulenza li huma pprovdew.

Is-Sur Cofferati ssottolinja wkoll li "grazzi għall-isforzi tal-Parlament fuq din id-direttiva, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet ukoll proposta leġiżlattiva speċifika dwar ir-rapportar pajjiż b'pajjiż minn azjendi multinazzjonali dwar materji ta' taxxa, li jeħtieġ li tiġi approvata mill-aktar fis."

## Passi li jmiss

L-abbozz ta' li ġi approvat formalment mill-Kunsill tal-Ministri tal-UE.

L-Istati Membri se jkollhom 24 xahar mid-dħul fis-seħħi tad-direttiva sabiex jittrasponu dawn ir-regoli l-ġodda.

## Għal aktar informazzjoni

Tappi fil-proċedura

Kumitat għall-Affarijet Legali

Sergio Gaetano Cofferati (S&D, IT)

## Kuntatti

---

John SCHRANZ

Press Officer

📞 (+32) 2 28 44264 (BXL)

📞 (+33) 3 881 74076 (STR)

📱 (+32) 498 98 14 02

✉️ [john.schranz@europarl.europa.eu](mailto:john.schranz@europarl.europa.eu)

---

